MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 2066/2002

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francesco Vassallo u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited assumiet l-atti minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Hedi Bettaieb**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' Lm260.25c (mitejn u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra li l-konvenut ammetta li kien responsabbli ghall-incident izda kkontesta d-danni.

Ra li skond ir-rapport tal-pulizija d-danni fiz-zewg vetturi kienu *slight*.

Ra s-survey li gie fuq il-vettura assigurata mid-ditta attrici (Dok. JC). Dan is-survey gie kkonfermat bil-gurament.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Li l-konvenut ma gab ebda prova biex jikkontesta l-verzjoni tas-socjeta' attrici liema verzjoni hija ragunevoli u sostanzjata bid-dokumenti u bix-xhieda.

Illi huwa veru li Joseph Cassar irrapporta dak li qallu l-konvenut dwar il-hsara li kkaguna fuq il-karozza assigurata mad-ditta attrici izda dan mhux bizzejjed provi sabiex jirribatti l-verzjoni ta' Vassallo u tas-surveyor li xehdu bil-gurament. Inoltre, skond is-survey il-hsara kienet fuq ix-xellug fejn il-konvenut qal li kkaguna l-hsara.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm260.25c (mitejn u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 28 ta' Frar, 2002 (u jekk m'hemmx notifika bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (16 t'Ottubru, 2002).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------